**1 ta' Ottubru, 1997**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph D. Camilleri B.A., LL.D.**

A

*versus*

B

**Żwieġ - Nullità - Reġistrazzjoni mid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku - Tat-Tribunal Metropolitan tat-Tieni Istanza - Kap. 255, Artikoli 23, 24 u 28**

Il-Qorti:-

Dan huwa digriet wara r-rikors konġuntiv magħmul minn A u B li fih qegħdin jitolbu li din il-Qorti tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jirreġistra fit-termini ta' l-artikoli 23, 24 u 28 ta' l-Att I ta' l-1995 id-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal Metropolitan ta' Malta fit-28 ta' Frar, 1997 (Prot. 91.30) u kkonfermata b'digriet ta' ratifika ta' l-istess Tribunal Reġjonali tat-Tieni Istanza mogħtija fid-29 ta' April, 1997 (Prot. No. 97.13). Id-digriet ta' esekuttività ta' dawn is-sentenzi ġie mogħti mit-Tribunal Reġjonali tat-Tieni Istanza fit-12 ta' Settembru, 1997. Din id-deċiżjoni ddikjarat null iż-żwieġ kattoliku tar-rikorrenti ċelebrat fil-Knisja Parrokjali tal-

Madonna ta' Lourdes, Paola fil-15 ta' Ġunju, 1980. Kopja awtentika taż-żewġ deċiżjonijiet huma esebiti fl-inkartament u mmarkati bħala Dok. B u C;

Issa l-Qorti - eżaminat l-artikolu 24 (1) u 24 (2) tal-Kap 255 għall-konformità tat-talba u r-rekwiżiti proċedurali;

Ikkonstatat illi l-istess Tribunal Metropolitan irrilaxxja dikjarazzjoni ta' esekuttività u għalhekk dawk id-deċiżjonijiet jistgħu jiġu esegwiti;

Sodisfatta illi ma jeżisti ebda ostakolu għal dik l-esekuzzjoni minn dawk li jissemmew fis-subartikolu 45 ta' l-artikolu 24 tal-Kap. 255;

Tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jirreġistra kif imiss id-deċiżjoni definittiva ta' l-imsemmi *Tribunal* Metropolitan fit-Tieni Istanza tad-29 ta' April, 1997 li kkonfermat deċiżjoni preċedenti tat-Tribunal Metropolitan ta' Malta tat-28 ta' Frar, 1997 li ddikjarat null iż-żwieġ bejn A u B ċċelebrat fil-15 ta' Ġunju, 1980 u dana kif ipprovdut ai termini ta' l-artikoli 23, 24 u 28 ta' l-Att I ta' l-1995 (Kap. 255).